MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# TWISSIJA MILL-MFSA

**My Advertising Pays** - http://www.myadvertisingpays.com/

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("MFSA") tixtieq tavża lill-pubbliku dwar entità li qegħda topera taħt l-isem **My Advertising Pays**, li hu magħruf li għandha preżenza fuq l-Internet fuq http://www.myadvertisingpays.com/. Minn informazzjoni disponibbli għand l-MFSA, **My Advertising Pays** jidher li qed toffri aċċess għal opportunità ta' investiment fir-reklamar permezz ta' sistema '*pay-per-click*'. L-Awtorità hi infurmata li din l-entità qed tirreklama l-attivitajiet tagħha f'Malta u li għamlet kuntatt mal-pubbliku sabiex jinvestu magħha.

L-MFSA tixtieq twissi lill-pubbliku li **My Advertising Pays mhix liċenzjata jew awtorizzata mill-MFSA biex tipprovdi xi tip ta' servizzi finanzjarji f'Malta.** Aktar minn hekk, informazzjoni disponibbli għand l-MFSA tissuġġerixxi li **My Advertising Pays** aktarx li hija skema ta' natura dubjuża b'ċans kbir li jintilfu l-flus investiti. Għalhekk, il-pubbliku m'għandux jidħol f'negozju jew transazzjonijiet mal-entità msemija hawn fuq.

L-MFSA tappella lill-pubbliku u konsumaturi tas-servizzi finanzjarji biex qabel ma jagħmlu kwanlunkwe investiment jew jidħlu f'kwalunkwe transazzjoni ta' servizzi finanzjarji jaċċertaw lilhom infushom li l-entità li magħha qed isir l-investiment jew it-transazzjoni hija awtorizzata li tipprovdi dawk is-servizzi mill-MFSA jew minn xi regolatur ieħor tas-servizzi finanzjarji kif applikabbli.

Lista ta' entitajiet liċenzjati mill-MFSA hija disponibbli mingħand l-MFSA u tista' tiġi aċċessata minn fuq is-sit uffiċjali tal-MFSA fuq http://www.mfsa.com.mt/pages/licenceholders.aspx.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**Twissija MFSA: 11-2016**
**L-10 ta' Novembru 2016**